# DIĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**11 ta' Jannar, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Angelo Spagnol

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *noe et*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni – Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Rikors – Irritwalità ta' – Nullità – Frivola u Vessatorja**

*Ir-rikorrent kien jinsab akkużat bi ksur tal-liġi dwar bini llegali quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja. Huwa ssolleva f'dawk il-proċeduri li d-drittijiet fundamentali tiegħu kienu qegħdin jiġu vvjolati fis-sens li hu kien qiegħed ibati minn diskriminazzjoni. Il-Qorti Kriminali tatu żmien biex imexxi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'rikors. L-imputat hekk għamel. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat ir-rikors irritu u null; il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Id-degriet tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja b'liema*

*l-imputat ingħata terminu biex imexxi l-każ quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kien irritu u null, u għalhekk kienu wkoll irriti u nulli l-proċeduri mibdija fit-termini ta' dak id-degriet. Il-kompitu ta' Qorti li mhux il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali meta jiġu allegati ksur ta' drittijiet fundamentali huwa li jew tirrinvija l-kwistjoni biex tiġi deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew tiddikjara l-kwistjoni frivola u vessatorja.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Awissu, 1988, li bih Angelo Spagnol, wara illi ppremetta illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 1988, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ttieħdu proċeduri kontra tiegħu talli huwa bena mingħajr il-permess tal-P.A.P.B. fl-art ta' San Tumas limiti taż-Żejtun;

Illi dawn il-kostruzzjonijiet temporanji jservu prinċipalment bħala villeġġjatura u għalhekk post tal-mistrieħ għal min ma għandux mezzi biex isiefer jew jixtri post;

Illi dawn il-kostruzzjonijiet inbnew fi żmien illi l-awtoritajiet pubbliċi kienu qegħdin jeżerċitaw tolleranza fil-konfront ta' dan it-tip ta' bini;

Illi fil-Gżejjer Maltin jeżistu diversi lokalitajiet (per eżempju l-Armier), il-Mellieħa eċċ.) fejn inbnew kostruzzjonijiet simili għal dawk tar-rikorrenti. Illi minn dawn il-postijiet kollha ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-esponenti u persuni bħalu li għandhom appartament f'dik il-lokalit;

Illi tali aġir jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni stante li qed issir diskriminazzjoni kontra tiegħu *ai termini* ta' l-artikolu 46

tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

Illi l-esponenti ser ibati minn tali azzjoni diskriminatorja mhux biss għax ma hux ser ikun jista' jgawdi l-mistrieħ li kull Malti għandu jkollu imma wkoll għax nefaq il-flus biex tella' din il-kostruzzjoni u tali azzjoni ser tirrekalu dannu finanzjarju;

Talab li dik il-Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq ta' l-imsemmija artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja billi tiddikjara l-azzjoni kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrenti in konflitt mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u in kwantu diskriminatorji għaliex meħuda biss kontra nies ta' lokalità partikolari u għalhekk nulli u bla ebda effett;

Rat ir-risposta pprezentata fil-11 ta' Awissu, 1988 li fiha l-Aġent Prim Ministru u in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, l-Onor. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja u ta' l-Onor. Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura in kwantu hu l-Ministru responsabbli għax-xogħlijiet pubbliċi qalu:

"Preliminarjament illi n-nomenklatura korretta ta' l-esponenti (bl-esklużjoni ta' l-Onor. Prim Ministru), ħi l-Onor. Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, u l-Onor. Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, u għalhekk jinħtieġ li ssir il-korrezzjoni opportuna;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi in kwantu l-vertenza tnaxxi minn proċeduri f'Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, din il-

kwistjoni ma messiex ġiet imexxija b'rikors iżda kellha tkun dik il-Qorti "kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja" li tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'ordni ta' riferenza, f'dan il-każ il-kwistjoni hija manifestament frivola u vessatorja, kif jidher aktar 'il quddiem, u għalhekk l-intimati esponenti għandhom jiġu lliberati bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi l-azzjoni kriminali fil-konfront tar-rikorrent qed tittieħed mill-Kummissarju tal-Pulizija u ħadd mill-intimati esponenti mhu l-kontradittur leġittimu jew għandu interess legali f'dan ir-rikors u għalhekk għandhom jiġu lliberati bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

Subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, illi kemm taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, kif ukoll taħt l-Att XIV ta' l-1987, id-diskriminazzjoni biex tagħti lok għal azzjoni trid tkun ibbażata fuq motivi partikolari li m'huma bl-ebda mod allegati fir-rikors, u għal dan il-motiv, in kwantu l-ebda motiv mhux qed jiġi msemmi fir-rikors, l-istess rikors huwa nieqes mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Avviż Legali 48 ta' l-1964 u jeħtieġ li ssir nota biex tikkoreġi dan id-difett, u in kwantu jidher mit-tenur tar-rikors sħiħ li dan il-motiv ma jistax ikun wieħed imsemmi fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dawn it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għaliex kompletament infondati;

Illi inoltre l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja jissanċixxi d-diskriminazzjoni biss fit-twettiq tad-drittijiet l-oħra msemmija fl-istess konvenzjoni liema drittijiet ir-rikorrent ma jagħmel ebda riferenza għalihom;

Illi bħala fatt mhuwiex minnu li qed issir xi disrkiminazzjoni *ta' kwalunkwe tip kontra r-rikorrenti u hi l-intenzjoni tal-Gvern* li l-liġi tiġi enforzata fl-interezza tagħha fil-pajjiż kollu;

Għaldaqstant issottomettew bir-rispett illi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu'';

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fid-*9 ta' Novembru, 1988,* li biha ddikjarat irritu u null ir-rikors magħmul mill-imsemmi Angelo Spagnol u ħelset lill-intimati mill-osservanza tal-ġudizzju u dana wara li kkunsidrat illi:

Dwar l-ewwel eċċezzjoni li fiha l-intimati qegħdin jgħidu illi l-proċeduri quddiem dina l-Qorti ma messhomx inbdew permezz ta' rikors iżda kellha tkun il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta li kellha tibgħat il-kwistjoni quddiem dina l-istess Qorti, u għalhekk huma talbu li jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Il-Kostituzzjoni ta' Malta *trid illi* jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti, li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45, dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma jkunx sempliċement frivolu jew vessatorju;

L-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja għandu disposizzjoni simili għal dik tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta kwistjoni tqum dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-

Drittijiet tal-Bniedem Libertajiet Fundamentali (kif imfissra fl-istess liġi);

Illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 1988, miżmuma quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fejn kienet qiegħda tinstema' l-kawża kriminali stitwita kontra *l-imsemmi Angelo Spagnol dwar il-kontravvenzjoni msemmija* fir-rikors, l-imputat Spagnol allega illi bil-proċeduri meħudin kontra tiegħu kienu qegħdin jiġu *miksura* d-Drittijiet Fundamentali tiegħu;

Huwa talab lill-Qorti li "jingħata żmien biex il-każ jiġi riferit quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex jippreżenta l-każ tiegħu" (Ara kopja tal-verbal a fol. 6 u 7). Il-Prosekuzzjoni opponiet it-talba għaliex kienet 'ġenerika u mhux sostanzjata' u għalhekk frivola u vessatorja;

Il-Qorti wara li eżaminat l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u "l-artikoli rilevanti ta' l-Att Nru. XIV ta' l-1987" laqgħet it-talba ta' l-intimat u tatu żmien xahar "**biex huwa jekk irid jagħmel il-kawża kostituzzjonali li jrid jagħmel**" (sottolinear tal-Qorti); u l-kawża ġiet iddefferita għas-17 ta' Novembru, 1988 sabiex, "f'każ li fi żmien xahar l-imputat ma jistitwix il-proċeduri", allura l-Qorti tgħaddi għas-smigħ tal-provi;

L-intimat allura fl-4 ta' Awissu, 1988, ippreżenta r-rikors li llum qiegħed jiġi kkunsidrat minn dina l-Qorti;

Illi meta l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 46, u l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, bl-artikolu 4, imponew fuq il-Qorti li tkun qamet kwistjoni quddiemha dwar il-ksur tad-

drittijiet li ġà ssemmew l-obbligu li tibgħat il-kwistjoni quddiem *il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kull meta fil-fehma ta' l-istess Qorti* t-tqanqil tal-kwistjoni ma jkunx frivolu jew vessatorju, dana għamluh bl-iskop li d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew, jekk ikun il-każ ta' appell, il-Qorti Kostituzzjonali, fuq dik il-kwistjoni tkun torbot fuq l-istess Qorti li quddiemha tkun qamet oriġinarjament il-kwistjoni liema Qorti, fi kliem l-imsemmijin artikoli "tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-deċiżjoni";

Illi fil-każ preżenti, tajjeb jew ħażin, kien *l-imputat li* ressaq it-talba li jingħata żmien "biex il-każ jiġi rriferit quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex jippreżenta l-każ tiegħu" (ara verbal tas-7 ta' Lulju, 1988) u l-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta laqgħet it-talba tiegħu u tatu xahar żmien biex jagħmel il-proċeduri 'li jrid jagħmel';

Fil-fehma tal-Qorti dina d-deċiżjoni ma tistax titqies waħda magħmula konformement mal-provvedimenti ta' l-artikoli msemmija rigwardanti r-rinviji lil din il-Qorti. Ir-rinviju li jridu li jsir dawna l-artikoli huwa rinviju li jsir biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta illi ma kien hemm ebda frivolożità jew vessatorjetà fit-tqanqil tal-kwistjoni – u barra minn hekk ir-rinviju jsir b'awtorità tal-Qorti biss u mingħajr ebda inġerenza ulterjuri tal-partijiet involuti fil-kawża;

Issa, ġa la darba l-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, għoġobha tagħmel riferenza għall-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-'artikoli rilevanti ta' l-Att Nru. XIV ta' l-1987 dik il-Qorti kien messha ordnat li l-kwistjoni tiġi mibgħuta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u mhux talli, kif ħalliet, il-vertenza ta' tant importanza, dwar ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-Individwu dipendenti

mill-preżentata ta' att ġudizzjarju da parti ta' l-imputat – bil-perikolu li kwistjoni simili, mhux ritenuta frivola jew vessatorja, tista' tiġi rrimedjalment ippreġudikata bin-nuqqas ta' l-imputat li jieħu l-passi quddiem il-Qorti kompetenti fiż-żmien li ngħatalu;

Għalhekk dina l-Qorti ma tistax tqis it-talbiet kontenuti fir-rikors bħala riferenza għaliha taħt l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew taħt l-artikolu 4(3) ta' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja;

Din il-Qorti, fil-ħin li tafferma illi, indipendentement mid-dritt li r-rikorrent, miġjub bħala imputat b'akkuża kriminali quddiem l-imsemmija Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, kellu li jqajjem il-kwistjoni tal-ksur tad-disposizzjonijiet imsemmija rigwardanti Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu quddiem dik il-Qorti, seta' kaź adatt, jieħu passi oħra taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-artikolu 4(1) ta' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, però f'dan il-każ ir-rikors tiegħu sar għaliex ġiet milqugħa t-talba tiegħu biex jingħata żmien ħalli jressaq l-ilmenti tiegħu quddiem il-Qorti, u in prosegwiment ta' l-istess talba. Dina t-talba, kif ġà ngħad, kellha tiġi kkunsidrata u deċiża skond dak li jrid l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 4(3) ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja u b'ebda mod ieħor; għalhekk l-awtorizzazzjoni tal-Qorti mogħtija biex l-imputat ikun jista' jipproċedi kif intqal, ma tistax titqies li tissupplementa għan-nuqqas ta' l-ordni ta' rinviju li l-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta kien messha għamlet skond il-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Angelo Spagnol ippreżentat fis-17 ta' Novembru, 1988 li bih għar-raġunijiet hemm esposti

talab li din il-Qorti *tirrevoka s-sentenza mogħtija mill*-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru, 1988, tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati u terġa' tibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati;

Rat ir-risposta ta' l-intimati appellati ppreżentata fit-22 ta' Novembru, 1988;

Rat *l-atti l-oħra rilevanti u opportuni*;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Kif taraha l-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-proċess, il-kwistjoni quddiemha għandha tiġi deċiża fid-dawl tal-fattispecie tal-każ u ma hemmx il-ħtieġa li tidħol f'ċerti sottomissjonijiet u argumenti eruditi magħmula mid-difensuri li proprjament ma jolqtux il-każ preżenti;

Minn eżami tal-proċess jirriżulta li r-rikorrent appellant kien ġie imħarrek quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta biex iwieġeb għall-imputazzjoni magħmula fuq talba tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li f'Bajja ta' San Tumas, limiti taż-Żejtun għamel xogħol ta' bini mingħajr il-permessi neċessarji tal-P.A.P.B. Fis-seduta tas-7 ta' Lulju, 1988, miżmuma quddiem l-imsemmija Qorti Kriminali, ġie rreġistrat verbal fis-sens li "in vista tal-fatt illi madwar il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex hemm ħafna każijiet simili għal ta' l-akkużat odjern, u in vista tal-fatt li qed jittieħdu proċeduri kontra dan l-akkużat u mhux kontra oħrajn, dan jikkostitwixxi ksur tad-*drittijiet fundamentali ta'* l-imputat u għalhekk jitlob li jingħata

żmien biex il-każ jiġi rriferit quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex jippreżenta l-każ tiegħu''. Jidher ukoll mill-istess verbal li l-imsemmija talba kienet ġiet opposta mill-Prosekuzzjoni ''stante li hija ġenerika u mhux sostanzjata u għalhekk hija frivola u vessatorja'';

Jidher ukoll mill-imsemmi verbal li l-imsemmija Qorti Kriminali tal-Maġistrati *seduta stante* tat id-digriet tagħha fuq l-imsemmi inċident fis-sens illi ''il-Qorti, wara li rat l-artikolu 45 *(sic)* tal-Kostituzzjoni u l-artikoli rilevanti ta' l-Att XIV ta' l-1987, tilqa' t-talba ta' l-imputat u tagħtih żmien xahar mil-lum biex huwa jekk irid jagħmel il-kawża kostituzzjonali li jrid jagħmel''. L-istess Qorti ddifferiet il-kawża għas-17 ta' Novembru, 1988 u kompliet tipprovdi li fil-każ li fi żmien xahar l-imputat ma jistitwix dawk il-proċeduri, allura fid-differiment li jmiss il-Qorti tgħaddi għas-smigħ tal-provi kollha;

Fil-fatt il-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-4 ta' Awissu, 1988, skond it-termini ta' l-istess digriet;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li ''jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikoli 33 sa 45 (magħdudin) dik il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja.....'';

Jidher mill-imsemmija disposizzjoni tal-liġi li l-Qorti ċċitata

*in extenso* illi l-ewwel Qorti kellha l-obbligu ("**għandha** tibgħat" fit-*test* Malti tal-Kostituzzjonali; "***shall*** *refer*" fit-*test* Ingliż) li tibgħat il-kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mill-artikoli 33 sa 45 lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili però wara li jiġu sodisfatti ċerti rekwiżiti, u ċjoè:

(1) Jeħtieġ li jkunu jeżistu xi proċeduri f'xi Qorti;

(2) Dawn il-proċeduri ma jkunux fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew fil-Qorti Kostituzzjonali;

(3) Il-kwistjoni trid tqum f'dawn il-proċeduri;

(4) Il-kwistjoni trid tkun dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni;

(5) *It-tqanqil tal-kwistjoni ma tridx tkun sempliċement* frivola jew vessatorja;

Issa fil-każ preżenti (1) ma hemmx dubju li kienu jeżistu proċeduri f'Qorti (2) dawn il-proċeduri ma kinux fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew fil-Qorti Kostituzzjonali (3) il-kwistjoni qamet fl-imsemmija proċeduri kif jidher mill-imsemmi verbal tas-7 ta' Lulju, 1988, (4) il-kwistjoni li qamet, kif jidher mill-istess verbal, kienet evidentement tirrigwarda d-dritt fundamentali ta' protezzjoni minħabba *diskriminazzjoni in quanto che* qed jiġi allegat li ttieħdu l-passi kriminali kontra r-rikorrent u ma ttiħdux kontra ħaddieħor li għamel *l-istess* ħaġa bħalu, u għalhekk il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ksur ta' waħda mid-disposizzjonijiet fuq ċitati;

Issa meta ġew sodisfatti l-imsemmija erba' rekwiżiti (u l-

Qorti ma tarax li seta' jiġi ritenut mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati xort'oħra) il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati li quddiemha kienet qamet il-kwistjoni kellha, skond id-disposizzjonijiet espressi tal-Kostituzzjoni, kompitu ieħor x'taqdi – li tara jekk it-tqanqil ta' l-imsemmija kwistjoni kinitx sempliċement frivola jew vessatorja. Fil-każ li tasal għall-konklużjoni li ma kinitx, allura b'disposizzjoni espressa tal-Kostituzzjoni kellha tibgħat il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għad-deċiżjoni tagħha. Fil-każ li tasal għall-konklużjoni li l-kwistjoni kienet frivola jew vessatorja, allura d-deċiżjoni tagħha f'dan is-sens tkun finali u m'hemmx appell minnha (art. 46(5)) );

Fil-każ preżenti l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati injorat l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni bħallikieku ma kinux jeżistu. Meta qamet quddiemha l-kwistjoni tal-ksur tad-dirtt fundamentali fuq imsemmi, minflok ma ddeċidiet, kif kien obbligu tagħha li tagħmel skond it-termini espressi tal-Kostituzzjoni, jekk fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni kinitx sempliċement frivola jew vessatorja, tat żmien lill-imputat biex jekk irid jagħmel il-kawża kostituzzjonali li ried jagħmel. Huwa veru li jidher mill-verbal li din proprju kienet it-talba ta' l-imputat – tant li l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati fid-digriet tagħha laqgħet it-talba u tatu ż-żmien fuq imsemmi; iżda dana hija ma setgħatx tagħmlu. Meta l-kwistjoni kostituzzjonali fuq imsemmija ġiet imqajma, hija kellha l-obbligu, b'disposizzjoni espressa tal-Kostituzzjoni, li tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ li fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma kinitx sempliċement frivola jew vessatorja. U meta r-rikorrent appellant qajjem il-kwistjoni kostituzzjonali fuq imsemmija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, huwa assoġġetta ruħu għall-proċedura speċjali kkontemplata fl-artikolu 46(3)

tal-Kostituzzjoni;

Dan kollu jwassal għall-konklużjoni li l-imsemmi digriet tal-*Qorti Kriminali* tal-Maġistrati tas-7 ta' Lulju, 1988, li bih tat xahar żmien lir-rikorrent biex jagħmel il-kawża kostituzzjonali huwa kontra l-imsemmija disposizzjoni tal-Kostituzzjoni u kwindi rritu u null bil-konsegwenza wkoll li l-proċeduri preżenti, magħmula in segwitu u konformement ma' l-imsemmi digriet, huma wkoll nulli. Meta tqanqlet il-kwistjoni kostituzzjonali fuq *imsemmija quddiemha* l-*Qorti* Kriminali *tal-Maġistrati* kellha l-obbligu li ssegwi l-proċedura speċjali imposta fuqha bl-art. 46(3). In-nuqqas li tagħmel dan *iwassal għan*-nullitajiet fuq imsemmija;

Il-Qorti trid tagħmilha ċara li hija qiegħda tippronunzja ruħha **biss** fuq il-każ ta' meta tiġi mqanqla kwistjoni kostituzzjonali *msemmija* fl-art. 46(3) fi proċeduri quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali billi fiċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ preżenti ma tarax li hemm ħtieġa li tmur oltre minn hekk;

Fl-aħħarnett il-Qorti għandha żżid li dak li ngħad fuq għandu japplika wkoll *mutatis mutandis in quanto che* l-kwistjoni mqanqla tista' tirrigwarda l-ksur ta' dritt fundamentali kkontemplat fl-Ordinanza XIV ta' l-1987 *fejn hemm* disposizzjonijiet simili (art. 4(3) ) għal dawk ċitati fuq;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż *ta' dan* l-appell għandhom fiċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.